MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Avviz Numru. 581/2005

**Care Services Limited**

**Vs**

**Mario Muscat u Alfred Vella**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar id-dsatax (19) ta’ Dicembru 2005 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallasha d-danni sofferti minnha a kawza a’ incident li sehh nhar it-tnejn w ghoxrin (22) t’Ottubru 2003 waqt tragit bil-vettura HSY-017 proprjeta ta’ Mario Muscat li kienet misjuqa minn Alfred Vella, li fih Giulia Ellul Sullivan sofriet griehi ta’ natura gravi, liema tragit kien qieghed isir mill-konvenuti wara li s-socjeta attrici ordnat servizzi ta’ transport minghand il-konvenuti, liema servizzi gew esegwiti b’mod negligenti a kawza ta’ tali negligenza is-socjeta attrici sofriet danni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata erbatax (14) t'Ottubru 2005.

Ghal fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux hamest elef lira Maltin.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2006 fejn esponew is-segwenti:-

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Qorti *ratione materie* stante li billi din il-kawza si tratta ta' incident tat-traffiku fejn id-danni ma jeccedux il-hamest elef lira Maltin (LM5,000) din il-vertenza kellha tigi riferut lic-Centru Malti tal-Arbitragg u dana a tenur ta' l-Avviz Legali 419/2004 u 279/2005.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha esebew is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2005 fl-ismijiet **Aquatress Limited vs Alfred Vella et** (Avviz 375/04DM). Minn ezami ta' din is-sentenza jirrizulta li s-socjeta attrici kienet giet kkundannata thallas is-somma ta' LM3,403 b'effett mit-tmintax (18) ta' Frar 2004 lis-socjeta Aquatress Limited rigward danni subiti minn Giulia Ellul Sullivan dwar kont tal-isptar wara li kienet iddahhlet l-isptar wara incident awtomobilistiku li sehh nhar it-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 gewwa St. Andrews Road, St. Andrews.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-ghaxra (10) t'Ottubru 2006 fejn inghata digriet mill-qorti fis-sens li astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza wara li ddikjarat li m'ghandhex gurisdizzjoni ai termini tar-raba skeda tal-Kap 387 paragrafu 112.

Rat illi s-socjeta attrici interponiet appell mill-verbal moghti mill-Qorti nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 2006 u dan ghaliex hasset ruhha aggravata.

Rat is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-tnax (12) t'April 2007 mill-Qorti tal-Appell fejn dik il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta attrici w annullat u hassret il-provediment moghti mill-ewwl Qorti nhar l-ghaxra (10) t'Ottubru 2006 w ordnat li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni u decisjoni skond il-ligi ta' l-eccezzjoni ta l-inkompetenza sollevata mill-konvenuti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta attrici pprezentata nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 u r-risposta tal-konvenuti pprezentata nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut qed ighid li s-socjeta attrici qatt ma messha fethet din il-kawza quddiem din il-Qorti u dan ghaliex permezz tal-Avviz Legali fuq citat il-legislatur ried li dawn it-tipi ta' kawzi jigu decizi minn Arbitru.

Is-socjeta attrici invece issostni li l-Arbitragg mandatarju ma japplikax ghal kaz in ezami ghaliex fil-fehma taghha tirrigwarda talba ghad-danni subiti fuq il-persuna ta' Giulia Ellul Sullivan.

Il-Qorti ma taqbilx ma dak li gie rilevat fin-nota tas-socjeta attrici li d-danni reklamati huma *ex contractu* u mhux *ex delictu* ghaliex id-danni li qed tirriklama s-socjeta attrici huma dawk naxxenti minn incident awtomobilistiku u mhux naxxenti minn nuqqas ta' relazzjoni kontrattwali. Illi ghalhekk din il-kwistjoni ghandha tigi deciza minn din il-Qorti ghaliex hija cirkostanza li hija eskluza mill-parametri tad-dispoizjoni msemmija aktar 'l quddiem dwar Arbitragg Mandatarju.

Il-*Fourth Schedule* dwar *Mandatory Arbitration* fil-parti A Artikolu 1.2 tipprovdi s-segwenti:-

*'Tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.*

*“Kull tilwima civili jew kummercjali,* ***li ma tkunx wahda li jkollha x’taqsam ma’ talba ghad-danni ghal hsara fil-persuna****, li tkun tilwima li torigina minn:-*
*A. Kollizzjoni bejn vetturi, jew*
*B. Hsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi, jew…”’*

Minn ezami ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi sub inciz (a) jirrizulta bic-car b’mod manifest li l-legislatur ried *ab initio* li kull tilwima bejn vettura u ohra tigi trattata minn arbitragg u mhux gewwa Qorti pero eskludiet dawk l-incidenti awtomobilistiki fejn korriet persuna u konsegwentement sofriet danni fuq persuntha, kif del resto hija l-kawza ‘n desamina.

**Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet fuq imsemmija tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li ghandha kompetenza sabiex tisma l-kaz hi stess w ghalhekk qed tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.**

**L-ispejjes ta’ din is-sentenza ghandhom jigu sopportati mil-konvenuti bejniethom.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------